MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

**GUDIKATUR DR.**
**REFALO JOSEPH S.**

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 657/2002/1

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera assikurattrici Norwich Union International Insurance Limited kif surrogati fid-drittijiet ta' l-assikurat taghhom Anthony Micallef ta' l-istess Anthony Micallef**

**vs**

**Simitrio Pianciamore**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta' Marzu, 2002 fejn intalab il-hlas ta' elf erba' mija erba' u erbghin lira Maltija u disgha u ghoxrin centezmu (Lm1444.29), jew kull somma ohra verjuri li tigi likwidata jekk hemm bzonn permezz ta' periti nominandi, danni sofferti mill-attur in segwitu ghall-incident stradali li gara fis-26 t'Awissu, 2000 gewwa**

**San Pawl il-Bahar bejn il-vettura numru ta' registrazzjoni CBH-418, proprjeta` ta' l-attur Anthony Micallef u assikurata b'polza "comprehensive" mas-socjeta` assikurattrici attrici, u l-vettura numru ta' registrazzjoni TFA-125 misjuqa mill-konvenut Simitrio Pianciamore, u ghal liema incident kien jahti unikament l-istess Simitrio Pianciamore, prevja d-dikjarazzjoni jekk hemm bzonn illi kien il-konvenut unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni;**
**Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-31 ta' Lulju, 2001, u dik ipprezentata mal-avviz stess kontra s-socjeta` assikurattrici Untours Insurance Agents Limited, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni, u bl-imghax legali mit-3 t'Awissu, 2001 sad-data tal-pagament effettiv.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fl-10 t'April, 2002, fejn intqal illi dak li talbu l-atturi ghandu jigi michud ghax ghall-incident stradali "de quo" me kienx jahti l-eccipjent.**

**Semgha x-xhieda ta' Francis Ebejer, PS 614 Saviour Garzia, Simitrio Pianciamore. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lill-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Illi dan il-kaz jirrigwarda kollizjoni li sehhet fis-26 t'Awissu, 2000, ghall-habta tas-1.15p.m. gewwa San Pawl il-Bahar, bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CBH-418 misjuqa minn Pierre Micallef u proprjeta` ta' Anthony Micallef, u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni TFA-125 misjuqa mill-konvenut.**
**2. L-atturi qed jitolbu l-ammont ta' elf erba' mija erba' u erbghin lira Maltija u disgha u ghoxrin centezmu (Lm1444.29) in linea ta' danni sofferti bhala konsegwenza ta' l-incident.**
**3. Jirrizulta li Pierre Micallef kien qed isuq fi Triq ix-Xtut, u kien jispetta lilu li jdur ghall go Triq il-Halel, peress illi dik il-parti ta' Triq ix-Xtut minn Triq il-Halel l-isfel hija f'sens uniku, filwaqt il-parti ta' Triq ix-Xtut minn Triq il-Halel l-fuq hija "two way".**

**4. F'dan il-lok, fil-kantuniera ta' Triq il-Halel hemm sinjal ta' "no entry" biex jindika lil min gej mill parti ta' fuq ta' Triq ix-Xtut li ma jistghax jibqa' sejjer dritt, u ghalhekk necessarjament ikollu jikser ghall go Triq il-Halel, liema triq ukoll hija f'sens uniku u l-karrozzi mill parti ta' fuq ta' Triq ix-Xtut bilfors iferrghu fiha.**

**5. Jirrizulta li fil-parti fejn grat il-kollizjoni kien hemm trab mal-art, qisu ramel.**

**6. Is-Surgent tal-Pulizija PS614 Saviour Garzia, li kien mar fuq il-lok ta' l-incident u ghamel ir-rapport u l-iskizz, kien kategoriku fid-depozizzjoni tieghu meta qal: "Il-konvenut qalli li kien skiddja minhabba dan il-materjal." Rilevanti wkoll li s-Surgent ma sab ebda "brake marks" fuq il-post la ta' vettura lanqas ta' ohra. Jidher li l-fatt li l-konvenut skiddja huwa konfermat minnu stess meta dan qal fid-depozizzjoni tieghu: "Meta ndunajt illi kelli ndur fuq ix-xellug, jiena mill-ewwel ippruvajt nibbrejkja, pero` kien hemm it-trab ma' l-art u l-karrozza baqghet ghaddejja fid-dritt,"**

**7. Ghalhekk tenut kont ta' dan kollu jidher li l-unika ilment da parti tal-konvenut kien li l-attur dar mal-ewwel ghal fuqu.**

**8. Fil-fehma tat-Tribunal jirrizulta li l-attur kien gja beda jikser ghall go Triq il-Halel meta gara l-incident, u dana huwa rilevat mill-posizzjoni ta' kif spiccaw il-vetturi wara l-incident. Inoltre it-Tribunal hu tal-fehma, li kienet in-nuqqas ta' attenzjoni tal-konvenut li nduna fl-ahhar li kien hemm "no entry sign" u konsegwentement ibbrejkja fsalt, bil-konsegwenza li skiddja fuq il-materjal li kien hemm f'dik il-parti partikolari tat-triq u baqa' diehel fl-attur.**

**9. Ghalhekk ghall-incident in kwistjoni ghandu jigi ritenut unikament responsabbli il-konvenut.**

**10. Id-danni riportati fil-vettura ta' l-attur, huma riportati fl-invoices u statements esibiti u jammontaw ghall-elf erba' mija erba' u erbghin lira Maltija u disgha u ghoxrin centezmu (Lm1444.29).**

**Ghaldaqstant peress illi ghall-incident in kwistjoni kien jahti unikament il-konvenut, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf erba' mija u erba' u**

**erbghin lira Maltija u disgha u ghoxrin centezmu (Lm1444.29) u lill-attur Antony Micallef is-somma ta' mitjen lira Maltija, lkoll bl-imghax legali dekoribbli mill-31 ta' Lulju, 2001.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-31 ta' Lulju, 2001, u dik ipprezentata mal-avviz stess kontra s-socjeta` assikurattrici Untours Insurance Agents Limited ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**Avv Joseph Refalo**
**Gudikatur**